**25 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Stephen Bondin

**Preskrizzjoni - Retroattività**

*F'dan il-każ meta allegatament gie kommess ir-reat, il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' tliet snin; dan it-terminu*

*gie mtawwal permezz ta' emenda tal-liġi li ddaħħlet wara li sar ir-reat. Id-difiża sostniet li l-perijodu ta' preskrizzjoni kien ta' tliet snin u l-prosekuzzjoni qalet li kien ta' ħames snin. Il-Qorti ddeċidiet dan il-punt fit-termini segwenti:*

*Trid tittieħed bħala punt di partenza d-data li fiha ġiet in vigore l-emenda li tawwlet il-perijodu tal-preskrizzjoni. Jekk dak in-nhar l-azzjoni ma tkunx preskritta, ċjoè l-kaz ma jkunx preskritt meta titbiddel il-liġi, allura għandu japplika l-perijodu kif emendat.*

*Il-Qorti osservat ukoll li f'dan il-kaz, il-fatt li ż-żmien li fih setgħet titmexxa l-azzjoni ttawwal, ma jistax jiġi kkunsidrat f'termini ta' retroattività għax azzjoni kontra l-imputat kien għad m'hemmx.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat talli naqas jew ittraskura li jħallas fiż-żmien stipulat l-ammont ta' Lm141.50,0 li tirrappreżenta 50 kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali tat-Tienni Klassi għall-perijodu mill-4 ta' Jannar, 1980 sal-21 ta' Diċembru, 1980 kif ukoll multa dipartimentali ta' Lm30 imposta fuqu mid-Direttur tas-Servizzi Soċjali skond l-artikolu 63A ta' l-Att VI ta' l-1956;

Il-Qorti ġiet mitluba biex tordna lill-imputat iħallas, fuq il-formola I.T. 55 is-somma ta' Lm141.50,0 lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tat-3 ta' April, 1984 li biha wara li kkunsidrat li fuq ammissjoni ta' l-imputat jirriżulta illi huwa ma ħallasx 50 kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali għall-perijodu mill-4 ta' Jannar, 1980 sal-21 ta' Diċembru, 1980 u wara li rat l-artikolu 5A (1) ta' l-Att VI ta' l-1956 u l-artikolu 63A ta' l-Att

VI ta' l-1956 u l-artikolu 54 (a) ta' l-Att VI ta' l-1956 sabet lill-imputat ħati ta' l-akkuża kif dedotta kontrih u kkundannatu għall-ammenda ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u ordnat li l-istess imputat iħallas is-somma ta' Lm141.50,0 lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti nulli u jew tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi u f'każ ta' eżitu negattiv tirriduċi l-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawża li huma rilevanti u opportuni għall-fini ta' din is-sentenza;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza qed tingħata limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-imputat hi li mid-data tal-ksur tal-liġi sad-data tas-sentenza ma kien hemm l-ebda att ġudizzjarju li interrompa l-perijodu tal-preskrizzjoni;

Illi meta ssolleva din l-eċċezzjoni .. kien qed jippreżumi li

*hu fatt ma ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni;*

Illi mill-provi mismugħa però din il-Qorti hi sodisfatta li dan mhux minnu u li kif jirriżulta minn riferta esebita a fol. 16 tal-proċess l-istess imputat ġie debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni fit-30 ta' Marzu, 1983 għall-ewwel seduta tal-kawża li kellha tinżamm fid-19 ta' April, 1983;

Illi l-appellant qed isostni ukoll li l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli hu dak ta' tliet snin ċjoè kif kien qabel ma l-artikolu 60 ta' l-Att relattiv ġie emendat bl-Att XII ta' l-1981 meta l-perijodu preskrittiv ittawwal għal ħames snin;

S'intendi l-prosekuzzjoni qed tallega l-perijodu ta' preskrizzjoni hu ta' ħames snin;

Illi fil-fehma tal-Qorti s-soluzzjoni ta' din il-vertenza mhux *diffiċli. Infatti, irid jittieħed bħala punt ta' partenza l-24* ta' April, 1981 ċjoè meta ġie in vigore l-Att XII ta' l-1981 li tawwal il-perijodu ta' preskrizzjoni. Dak in-nhar l-ebda parti mill-akkuża ma kienet preskritta għax kien għad ma għaddewx it-tliet snin. Dak in-nhar ukoll iż-żmien li fih setgħet titmexxa l-azzjoni ttawwal u dan ma jistax jiġi kkunsidrat f'termini ta' retroattività għax azzjoni kontra l-imputat kien għad m'hemmx. Hu ovvju għalhekk f'dan il-każ li t-termini ta' preskrizzjoni hu ta' ħames snin li għadhom ma għaddewx. Dan mhux każ fejn l-*azzjoni kienet ġà preskritta anke in parti meta tbiddlet il-liġi* u għalhekk l-argument ta' l-imputat hu bla valur;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi tiċħad l-istess u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża.